MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-16 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 399/2008

**A B C D**

**-vs-**

**E F**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B C D, fejn dan wara li ppremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fil-hdax (11) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) skond certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali, taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha

impossibbli ghalihom li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-partijiet huwa null ghall-effetti kollha tal-ligi.

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti tal-hdax (11) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) huwa null u minghajr effett fil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat li ghalkemm debitament notifikat, il-konvenut baqa' ma wegibx ghall-kawza.

Rat l-affidavit ta' l-attrici.

Semghet lill-konvenut jixhed viva voce.

Ikkunsidrat illi, kif qalu hafna drabi l-Qrati, fil-materja ta' nullita' ta' zwieg, il-Qorti trid tkun sodisfatta li l-attur jew attrici rnexxielhom jippruvaw dak li allegaw minkejja l-ezistenza ta' xi ammissjoni jew il-fatt li l-konvenut jew konvenuta ma jkunux ipprezentaw twegiba ghall-kawza.

F'dan il-kaz jirrizulta illi l-partijiet izzewgu wara li kienu ilhom jafu lil xulxin xi sitt xhur. L-attrici hija ta' nazzjonalita' Egizzjana. Wara xi xhur miz-zwieg hija saret taf li l-konvenut zewgha kien jabuza mid-droga. Infatti, skond ma jikkonferma huwa stess, ghadu jabbuza mid-droga sal-gurnata ta' llum. Huwa kellu problemi gudizzjarji minhabba dan il-vizzju u fil-fatt prezentement qieghed mizmum fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Apparti hekk, huwa jghid ukoll illi:

”Meta izzewwigt lil A ma kontx nghidilha kollox. Dak iz-zmien kont nabbuza mid-droga. Kont qieghed f’tahwid, kelli tifel minn mara ohra diga’ u b’dan jiena m’ghedtilhiex. Qabel izzewwigna kont ilni nafha xi sentejn. Domna flimkien bhala mizzewgin ftit xhur. Jiena sakemm domna mizzewgin kont bqajt nghix il-hajja li kont nghix qabel. Ghadni qed nabbuza mid-droga.”

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza “Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri” (deciza fl-4 ta’ Novembru 1994), fejn gie mtenni illi:

“Il matrimonio, in quanto patto ossia “foedus”.... richiede una capacita’ intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e’ per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita’ di mente e di liberta’, dato che.... si tratta di assumersi una “servitus” per tutta la vita (Forum, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).”

**Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fil-11 ta’ Settembru 2003 huwa null u bla effett.

L-ispejez jithallsu bin-nofs il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------